Ġun 2014
ħidmietna f'isimkom
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

# NADUR AĦJAR

## XOGĦOL MADWAR IR-RAĦAL



Restawr u mixgħela tal-Monument ta' Dun Salv Vella



*Railings* għal aktar sigurta' fil-*Playing fields* tal-Ħali u San Blas u fi Ġnien il-Kunsill



Xogħol ta' *resurfacing* fuq Triq Madre Gemma Camilleri u Triq Rakela Camilleri

### FIL-ĠIMGĦAT LI ĠEJJIN...

- Jingħata bidu għall-Proġett tal-Pjazza San Pietru u San Pawl.
- Wiċċ ġdid lit-Triq Wied Binġemma.
- Rampa għas-sajjieda fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot.
- Ħruġ ta' Tenders għall-wiċċ ġdid lil Triq San Koronatu u Triq San Ġużepp.



**CCTV cameras mal-bini tal-Kunsill u fi Ġnien il-Kunsill**



**Xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieh u tisbieħ bis-siġar f'Ta' Xurdin**



**Tneħħija tas-siġar tal-Palm minn madwar il-Knisja**



***Dustbins* ġodda fi Pjazza San Pietru u San Pawl - Proġett parzjalment iffinanzjat mill-*Urban Improvement Fund tal-MEPA.***

Żomm ruħek aġġornat bl-attivitajiet, inizjattivi, xogħlijiet u nformazzjoni oħra tal-Kunsill.

Għamel LIKE fuq il- paġna ta' Facebook

www.facebook.com/NadurLocalCouncil

# Ambaxxatur taż-Żgħażagħ



Fl-24 ta' April, il-Kunsill approva l-ħatra ta' Danica Cassar sabiex tokkupa l-kariga ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ għall-Lokalita' tagħna . Danica għandha 16 –il sena u tattendi l-Iskola Sir Michelangelo Refalo u qiegħda' fl-ewwel sena. Tistudja il-Bijoloġija u l-Ingliż f'Livell Avvanzat. Tieħu gost taqra kotba bl-Ingliż u tipprattika l-pjanu. Hija attiva fil-preparamenti u l-attivitajiet u tattendi b'mod regolari fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ tan-Nadur. Issa li ġiet magħżula bħala Ambaxxatrici taż-Żgħażagħ tan-Nadur, hija lesta li tagħmel ħilitha kollha biex twassal il-messaġġ taż-żgħażagħ 'l quddiem. Minn hawn nieħdu l-okkażżjoni biex nawgurawlha ħidma fejjieda filwaqt li nirringrazzjaw lil Nicholas Haber, li għadu kif temm it-terminu ta' Ambaxxatur, tal-ħidma u l-impenn tiegħu.

# Il-Karnival 2014 fin-Nadur

Attivitajiet li ġibdu eluf ta' spettaturi u parteċipanti sabiex igawdu dan l-avveniment annwali uniku fil-gżejjer Maltin. Minn hawn nirringrazzjaw lill-isponsors kollha, lill-membri tal-Kumitat Organiżżattiv fi ħdan il-Kunsill Lokali u lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem għas-suċċess kbir u livell għoli milħuq. Mill-Kunsill Lokali wieħed jista' jakkwista DVD's, kemm tal-Karnival Organiżżat kif ukoll dak Spontanju.





## Kunċert mill-PUSE

fi Pjazza San Pietru u San Pawl

23 ta' Ġunju fit-20:30


**ACCOUNTS**

**O LEVEL TUITION**

In preparation for Matsec and Edexcel London 2015

Classes to be held once weekly, learning material to be provided and past examination papers are thoroughly covered. The course is also ideal for Business Studies students interested in sitting for these exams.

**Marilyn Grima** *B.Com, B.Accty(Hons.), CPA*

2152 0612 / 2152 3358 / 9989 1202

PAID ADVERT



# KARNIVAL ORGANIZZAT
## FRAR 2014

















# KARNIVAL SPONTANJU
## FRAR/MARZU 2014

# L-IMNARJA

Programm ta' attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fl-okkażjoni tal-Festa Tradizzjonali tal-Imnarja 2014

**18 ĠUN**

**8.30 p.m.** Wirja ta' Arti Sagra
Ftuħ ta' Wirja ta' Arti Sagra – TEŻORI TA' FIDI , fis- 'Sala Joe Tabone' fil-bini tal-Kunsill Lokali, mis-Sindku Charles F. Said. Wara Mons. Arċipriet Jimmy Xerri jbierek din l-esebizzjoni u jsir riċeviment.

**19 ĠUN**

**8.30 p.m.** Festa Tfal
Tiġi organizzata Festa Tfal fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Attivita` għat-tfal kollha Nadurin li tkun tinkludi numru ta' attrazzjonjiet bħal Bouncing castles, Mega slide, Go-karts, Spinner, Gladiator duel, Face painting, Cartoon characters eċċ. Dawn l-attrazzjonijiet ikunu kollha bla ħlas bħala offerta mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni tal-festa. Jitqassmu wkoll refreshments u snacks lit-tfal kollha preżenti. Jkun hemm ukoll Baloon Modelling by Mr Remy, kif ukoll spettaklu ta' talent minn tfal Nadurin.

**20 ĠUN**

**8.30 p.m.** Żgħażagħ Fest
Fi Pjazza 28 ta' April 1688 issir l-attivita` Żgħażagħ Fest għaż-żgħażagħ Nadurin. Attivita` mtella` miċ-Ċentru Parrokkjali 'Papa San Ġwanni Pawlu II' u l-Kunsill Lokali .

**21 ĠUN**

**6.30 p.m.** Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat
Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri jsir il-ftuħ tal-Wirja Agrarja u ta' Artiġġjanat. Jiġu esebiti frott, ħxejjex , għodod u oġġetti tal-biedja kif ukoll artiġjant Naduri. Titella` serata ta' divertiment kif ukoll jiġi servut ikel tipiku Malti flimkien ma' inbid lokali. Jieħdu sehem fost l-oħrajn diversi għanejja, l-Imnarja Folk Group u Benny u Tonia.

**22 ĠUN**

**7.30 a.m.** Tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġġjanat
Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġġjanat bis-sehem tal-Aurora Folk Group.

**11.00 a.m.** isir it-tberik tal-annimali u pets mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Jimmy Xerri u wara jitqassmu r-rigali ta' tifkira mis-Sindku Charles F. Said lil dawk kollha li ħadu sehem.

**23 ĠUN**

**8.30 p.m.** Kunċert tat-Triq

Għotja mill-Kunsill-Lokali. Kunċert mill-PUSE fi Pjazza San Pietru w San Pawl.

**24 ĠUN**

**8.30 p.m.** Programm Mużikali Annwali

Bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur Programm Mużikali mill-Banda Mnarja fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri bl-isem ta' Big Band Adventures. Jidderieġi dan il-programm mużikali s-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Joseph Grech.

**25 ĠUN**

**8.30 p.m.** Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja

Fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri ssir l-Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja bis-sehem ta' diversi gruppi folkloristiċi u mistiedna speċjali fosthom l-Imnarja Folk Group , The Turning Point Dance Theatre, The Gozo Boy, Elaine Haber u Gianluca Bezzina. Jippreżentaw u jieħdu sehem bil-kant tagħhom il-Green Fields. F'din il-lejla, numru ta' karozzini jkunu disponibbli għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu dawra bihom mat-toroq prinċipali tan-Nadur.

**29 ĠUN**

**2.00 p.m.** Tiġrija Tradizzjonali

Fi Triq ta' Xħajma ssir it-Tiġrija Tradizzjonali taż-żwiemel bil-parteċipazzjoni ta' ġerrejja minn Għawdex u minn Malta.

**30 ĠUN**

**8.30p.m.** Xalata tal-Festa

Fi Ġnien il-Kunsill tittella` attivita` soċjali ta' divertiment ta' l-għada tal-festa għall-familja kollha.

DELICATA
Coca-Cola
Heritage Malta
www.visitMALTA.com

**Is-Sindku, Charles Said, il-Kunsilliera kollha flimkien mal-istaff kollu jawguraw il-festa t-tajba lir-residenti kollha tar-raħal tan-Nadur.**



# Kelinu Vella Haber (1913-2014)

## Il-Poeta Naduri li Għamel Ġieħ lil Raħal Twelidu

KITBA TA' DANIEL MEILAK



Nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar li għadda ingħalqet il-ħajja ċentenarja ta' Naduri li ta kontribut nazzjonali fuq diversi livelli. Kelinu Vella Haber twieled in-Nadur nhar l-1 ta' Ottubru 1913 f'kuntest bil-wisq differenti minn tal-lum. Studja f'Malta u sar għalliem fis-Seminarju Minuri u fil-Liċeo ta' Għawdex. Ħadem maċ-ċivil bħala Information Officer mill-1945 u għal ħmistax-il sena oħra bħala Senior Information Officer u Kap tal-Informazzjoni u l-Propoganda fil-Ministeru tal-Agrikultura u s-Sajd sakemm irtira fl-1973.

Kontribut siewi li ta Vella Haber kien fil-kultivazzjoni tal-lingwa Maltija, li fl-ewwel nofs tas-seklu li fih għex hu kien għad baqa' min imaqdru u ma jridux jiġi kkultivat. F'Malta kien hemm il-kwistjoni tal-lingwa, jiġifieri min kellu jiddomina: it-Taljan jew l-Ingliż, u fin-nofs kien jiżżeffen il-Malti. Vella Haber ħadem favur il-Malti. Waqqaf il-Moviment tal-lingwa Maltija u kien membru tal-Akkademja tal-Malti. Fin-Nadur, huwa waqqaf ix-Xirka għat-Tixrid tal-Malti fl-1940 u ppubblika diversi kotba bil-Malti fuq ħafna suġġetti li kienu jinteressawh. Xhieda ta' kemm kienu jinteressawh oqsma diversi huma meta waqqaf Assoċċjazzjoni għall-Bdiewa f'Għawdex fl-1942, meta kien Segretarju tal-Union tal-Ħaddiema tas-Sigaretti bejn l-1938-1943 u kien involut ukoll fix-xandir bir-radju u bil-gazzetti.

Imma lin-Nadur hu qatt ma nsieh, minkejja li mar jgħix Malta. Kien hu li nsista mal-Kan. Karm Caruana biex jippubblika l-ktieb tiegħu In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali fl-1953 u kiteb diversi poeżiji oħra dwar in-Nadur. Pereżempju l-bajja ta' San Blas raha tfur bil-ħajja u kitbilha:

*'U l-baħar ħlejju tiegħek*
*- biż-żgħażagħ jiżgħad matul il-jiem tas-sħana*
*Tfajliet imfantsa jiġu jirkbu mwieġek*
*- Fuq ruħhom u ferħana.'*

Fin-Nadurjana, poemett ta' 1100 vers li kiteb fl-1968, jissaħħar bis-sbuħija naturali tan-Nadur u jgħid:

*'Nibtu*
*Widien l-aktar ħadrana*
*Binġemma l-Wied, Wied ir-Riħan, il-Ħanaq*
*U widien oħrajn*
*Nixxigħat ta' ilma ġieri*
*Ħafif u safi*
*Għax-xorb jhennik kif jagħmel għat-tisqija*
*U ġonna taż-żebbuġ u tal-larinġa*
*Bil-buskett*
*u bl-ortijiet waħdana*
*u sar il-għaxqa ta' din il-gżira għawdxija.'*

U ma setax jonqos li b'ton patrijottiku ma jinsiġx kliem ta' tifħir lill-knisja li tgħammed fiha:

*'Fil-quċċata ta' din il-gżira*
*Fejn glorjuż monumentali*
*Nibet it-tempju*
*Ta' Pietru u Pawlu tagħna*
*U niesna lkoll għaliex flimkien magħquda*
*Matul l-iżmna*
*Għamlu minnu l-ġawhra*
*Bl-irħam mirquma*
*Bid-deheb lelliex miksija u bl-iskultura*
*minquxa bl-ogħla sengħa*
*Ta' Cellini Benvenut il-qarib Piju*
*U ta' Sciortino*
*U tal-pittur Pisani u l-oħrajn kollha.'*

Vella Haber kiteb ukoll Oratorju ta' San Pietru u San Pawl, li ġie mużikat mill-Mro. Joseph Sammut u ġie esegwit fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur mill-kor ta' San Ġiljan fl-1968. Huwa rebaħ diversi unuri kemm f'Malta u kemm 'l barra minn xtutna u kien anke sar membru tal-Ordni Ġerosolimitan ta' San Ġwann. Fl-1998 kien ġie mogħti l-ewwel premju ta' 'Ġieħ in-Nadur' mill-Prim Ministru ta' Malta Dr Alfred Sant.

Vella Haber kien miżżewweġ lil Carmen Camilleri (1945) u kellhom tlett itfal: Frances, Joyce u Michael. F'dawn il-jiem qrib il-festa tal-Imnarja, nagħlaq bil-versi devoti ta' foħrija li lissen Vella Haber lill-Appostli Pietru u Pawlu:

*'Pietru u Pawlu l-għożża tagħna*
*Ilkoll kemm aħna n-Nadurin*
*Qima ntukom f'din il-festa*
*L'ilha ssir għal daqsdawk snin.*


# KORSIJIET GĦAS-SAJF

organiżżati mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fosthom **Art Attack**, **Ganutell**, **Thread Filagree**, **Beading**, **Lace Making**, **Mosaic Art**, **Basic Sewing** u **Curtian Making**. Aktar dettalji u applikazzjonijiet mill-Kunsill.

# DJARJU TAL-KUNSILL MARZU/APRIL/MEJJU 2014



Ċenaklu Ħaj



Wirja ta' Kurċifissi



Żjara tal-Isqof



Festa San Blas



Gaulitana Festival of Music



Mother's Day Open Market

# Monument fil-Belt ta' Torin

## B'tifkira ta' Fr. Joe Galea u Fr. Joshua Muscat

Fr. Joe Galea mill-Fontana u Fr. Joshua Muscat minn Nadur huma żewġ saċerdoti Għawdxin, li wara li ġew ordnati ddeċidew li jaħdmu barra minn xtutna. Marru jaħdmu qalb iż-żgħażagħ ta' Nichelino - belt ta' madwar 60,000 ġewwa Turin.



Fr. Joe Galea telgħa Turin fl-1978. Huwa ħadem bis-sħiħ u fi ftit żmien bena knisja u kumpless kbir sportiv fejn ġabar ħafna tfal, żgħażagħ u familji. Huwa kien jorganizza ħafna attivitajiet differenti liż-żgħażagħ, fosthom katekiżmu, irtiri fil-muntanji, ħarġiet kulturali u oħrajn. Ħafna kienu wkoll is-seminaristi li għamlu s-sena obbligatorja tagħhom barra minn Malta għand Fr. Galea. Wieħed minn dawn kien propju Fr. Joshua Muscat

Pero` fl-eta` ta 55 sena, wara marda qasira, Fr Galea ħalla din id-dinja. Wara il- mewt tiegħu Fr. Joshua Muscat ġie mibgħut mill-Isqof ta' Għawdex biex imur u jkompli dak li ħalla warajh Dun Joe. Billi ġa kien midħla tal-post, kif ukoll billi ġa kien hemm rabta` mal-Għawdxin, Fr. Joshua kien milqugħ mill-ewwel, b'mod specjali miż-żgħażagħ. Pero` id-destin ried li anke Fr. Joshua jħalli din id-dinja fl-eta` tenera ta` 27sena. Kienet telfa oħra kbira għall-parruċċani tas- Santissima Trinita` tal-Parrocca ta' Nichelino.

Biex jibqghu mfakkra dawn ħutna, f'dawn il-jiem ingħata bidu biex jitwaqqaf monument b'tifkira. Id-disinn ta' dan il-monument sar mill-artist John Grima. Dan il-monument ser jissimbolizza lil Dun Bosco, li fuq spallejh qed iġorr tfajjel kif wkoll tfajjel ieħor żgħir bil-ballun ħdejh. Dan il-monument li huwa għoli 2.3 metri bħalissa qed jinħadem fil-bronż ġewwa funderija f'Malta.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur qed jagħti s-sehem sħiħ tiegħu biex din il-ħolma b'tifkira ta' wieħed minn uliedna ssir realta`.




# Delicata Classic Wine Festival 2014

GNIEN
IL-KUNSILL
NADUR, GOZO
29 - 31 AUGUST

FEATURING
STRAIGHT AHEAD
CASH & BAND
ROUNDHOUSE KICK

